**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 3421/96 AJM

Kawza numru

Trust Property Company Limited

Vs

Steven u Christine konjugi Borg

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-5 ta' Dicembru 1996 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi l-konvenut jinsabu debituri tas-socjeta' attrici fis-soma ta' elfejn lira maltin (LM2,000) dovuti bhala rifuzjoni ta' self moghti 'brevi manu' mis-socjeta' attrici lill-istess konvenuti fl-24 ta' April 1992, kif jirrizulta mill-kopja tac-cheque ezebit; illi nonostante interpellati sabiex jhallsu dan l-ammont dovut minnhom, il-konvenuti baqghu inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi; talbet lil din l-Qorti sabiex:-

1. tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM2,000 dovuti bhala rifuzjoni ta' self moghti 'brevi manu' mis-socjeta' attrici lill-konvenuti fl-24 ta' April 1992.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Mejju 1996 u bl-imghaxijiet legali b'effett mill-24 ta' April 1992 sal effettiv pagament, kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fis-7 ta' Ottubru 1997 li permezz taghha eccepew illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien jezisti ebda kuntratt bejn il-partijiet kif deskritt u allegat fic-citazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tad-9 ta' Ottubru 1997 meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-24 ta' Novembru 1997 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Novembru 1997 meta giet mahtura Dottoressa Maria Dolores Gauci bhala assistent gudizzjarju biex tigbor il-provi tal-partijiet.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' Marzu 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza gahs-seduta tal-lum bil-fakolta' li l-partijiet jippresentaw noti ta' osservazzjonijiet – liema noti ma sarux.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Is-socjeta' attrici tat is-somma ta' LM2,000 lill-konvenut Steven Borg permezz ta' cheque mahrug fl-24 ta' April 1992 fuq account number 10205694010 tas-socjeta' attrici mizmum mill-Bank of Valletta. Ir-rappresentant tas-socjeta' attrici Giovanni Betolotto jsostni li dan dan l-ammont kien jirrapresenta self li sar lill-konvenut sabiex dan setgha jippartecipa f-sehem ta' terz f'negozju li l-istess konvenut kien ser jaghmel ma terzi. L-attur jkompli jghid li ghalkemm ma gie miftihem ebda terminu ghar-radd lura tal-ammont misluf, l-istess konvenut kien weghdu li fi zmien sentejn kien ser jhallsu lura. Billi ma sarx dan il-pagament gew istitwiti dawn il-proceduri.

Il-konvenuti ma jikkontestawx li sar hlas lilhom ta' LM2,000 kif jsostni l-attur, izda huma jghidu li dan l-ammont qatt ma kien moghti b'titolu ta' self izda pjuttost kien sehem l-istess Bertolotto fin-negozju progettat. Ghalhekk dan l-ammont mhux dovut immedjatament izda biss jekk huma jirnexxielhom jirkupraw l-ispejjes li ghamlu, konsistenti fi hlas ta' depositu u senserija, billi l-progett effettivamentqatt ma sehh.

Dwar ezattament x'kien l-arrangament bejn il-kontendenti hemm certa incertezza. Infatti qatt ma saret ebda skrittura li turi l-iskop tal-hlas tas-somma fuq imsemmija, il-persuni li allegatament kellhom jkunu socji

f'dan in-negozju mal-konvenut u ma' l-attur, la kienu maghrufa lill-attur u lanqas biss ma tressqu bhala xhieda f'dawn il-proceduri biex jitfghu xi dawl fuq l-kwistjoni. Inoltre jidher li l-istess attur qatt ma ippartecipa fin-negozju per se, billi lanqas biss ma jidher li huwa iffirma xi konvenju ghall-akkwist tal-art jew li b'xi mod ikkontribwixxa ghall-izvilupp tal-"idea" tal-progett.

Mill-banda l-ohra jirrizulta li l-attur kien habib personali tal-familja ta' mart l-konvenut u dana billi kien, ghal xi zmien, johrog ma omma, x-xhud Telma Cilia. Ghalhekk huwa kredibbli li l-attur meta gie mistoqsi biex jghin finanzjarjament lir-ragel tat-tifla tal-habiba tieghu, dan accetta u anke ma qadx jimponi xi kondizzjonijiet, billi minhabba l-istess hbiberija huwa kien jistenna li jerga jithallas lura l-ammont misluf. Ghal kuntrarju kieku l-attur kien ser jippartecipa f'negozju wiehed kien jistenna li mhux biss jiehu sehem attiv f'dak li kien ser jigri izda ukoll jizgura li l-interess tieghu jigi registrat fl-att tal-konvenju. Izda lanqas dan ma setgha jaghmel, anke kieku ghal grazzja tal-argument kien socju fin-negozju, billi mix-xhieda tal-istess konvenut jidher li l-konvenju iffirmah biss xi hadd in rappresentanza tas-socjeta' B & F Construction Limited li tappartjeni lil Jean Borg.

Illi tenut kont tal-provi prodotti din il-Qorti hija sodisfatta li r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti kienet wahda ta' mutwu semplici u ma kien hemm ftehim ta' negozju jew partecipazzjoni fi profitti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici u b'hekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu u jirrifondu lill-attur is-somma ta' elfejn lira moghtija b'titolu ta'

self fl-24 ta' April 1992 u dana bl-imghax legali mid-data imsemmija sal pagament effettiv.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti.

Onor Imhallef Albert J. Magri